MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tad-19 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 162/2012

A B

vs

C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li jippremetta :

1. Illi l-kontendenti zzewgu nhar it-18 ta' Gunju 2010 gewwa ir-Registru Pubbliku Valletta, u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg immarkat Dok A;
2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldu l-ebda tfal;
3. Illi l-intimata irrendiet ruhha hatja fil-konfront ta' zewgha u ir-rikorrenti ta' adulterju, ecessi, mohqrija, theddid, ingurji gravi u sevizzi u abbandun b'rizultat li l-hajja matrimonjali ta' bejniethom m'ghandhiex aktar possibli tant illi z-zwieg tkisser irremidjabbilment;
4. Illi l-Qorti awtorizzat lill-partijiet sabiex jipprocedu ghal separazzjoni personali skont digriet moghti minn din il-Qorti datat 10 ta' Lulju 2012 fl-atti ta' l-ittra numru 1597/11 hawn anness u mmarkat Dok B;

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet premessi unikament imputabbli lill-intimata;
2. Tawtorizza lir-rikorrent sabiex jghix esklussivament fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni ta' l-intimata;
3. Tikkomina kontra l-istess rikorrent il-provvedimenti ta' l-Artikolu 48 u l-Artikolu 51 sa 61 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Prevja li tiddikjara illi id-dar matrimonjali hija propjeta' parafernali tar-rikorrent, tiddikjara xolta il-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, tillikwida u taqsam l-istess f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-partijiet, b'dana illi jigu applikati is-sanzjonijiet imsemmija fit-tielet talba, occorendo bin-nomina ta' periti nominandi u billi jigi nominat nutar Dottor Patricia Vella Haber sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-intimat fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att;
5. Tillikwida il-krediti kollha dovuti mill-komunjoni ta'  l-akkwisti u mill-intimata a favur ir-rikorrent u tordna lill-intimata thallas a favur ir-rikorrenti dawk il-krediti hekk likwidati;
6. Tordna lill-intimat jirrestitwixxi lill-esponenti il-beni u krediti parafernali taghha jew l-valur rispettiv taghhom fi flus;

Bl-ispejjez kontra l-intimata minn issa ngunta in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li *in forza* taghha eccepiet:

1. Illi preliminarjament ai termini tad-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 2 (b) tal-Kap. 189 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-proceduri fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi ghandhom jsiru fil-lingwa Ingliza in vista tal-fatt illi l-konvenuta, bhalma jaf ben tajjeb l-attur zewgha, hija ta’ nazzjonalita Macedona u ma tifhimx il-lingwa Maltija izda tifhem sew il-lingwa Ingliza. Konsegwentement allura ai termini ta’ l-Artikolu 5 ta’ l-imsemmi Kap. 189, il-konvenuta ghandha tigi notifikata bi traduzzjoni fil-lingwa Ingliza tar-rikors guramentat u kull att iehor gja pprezentat u li talvolta jista’ jigi pprezentat fl-atti ta’ dawn il-proceduri;
2. Illi ghal dak li jikkoncerna l-mertu, l-eccipjenti ma topponix ghall-ewwel talba u dana limitatament ghad-dikjarazzjoni tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet izda tirrileva illi z-zwieg tal-partijiet tkisser irrimedjabilment mhux minhabba htijiet taghha izda minhabba htijiet unikament attribwibbli lill-attur, u dana minhabba vjolenza psikologika, eccessi, mohrija, sevizzi u ingurji gravi da parti ta’ l-attur versu l-konvenuta martu, u dana kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
3. Illi l-konvenuta ma topponix ghat-tieni talba sabiex l-attur jkompli jghix eklussivament fid-dar matrimonjali in kwantu din hija l-proprjeta parafernali ta’ l-attur;
4. Illi l-konvenuta topponi ghat-tielet talba stante illi ma hemmx lok ghall-applikazzjoni ta’ l-Artikoli 48 u 51 sa 61 tal-Kodici Civili fil-konfront taghha, izda l-istess artikoli ghandhom jigu applikati kontra l-attur b’dana illi ghandu jinghad illi l-Artikoli 56 sa 61 lanqas ma japplikaw ghall-kawza odjerna in kwantu jirreferu ghat-trobbija u manteniment ta’ l-ulied u l-partijiet ma kellhom l-ebda tfal minn dan iz-zwieg bhalma gie dikjarat mill-istess attur fir-rikors guramentat tieghu;
5. Illi fir-rigward tar-raba’ talba, il-konvenuta tiddikjara illi mhux qed topponi ghax-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti salv ghall-fatt li m’ghandux jigi applikat fil-konfront taghha d-dekadenza fir-rigward ta’ kull akkwist maghmul mill-attur bix-xoghol u bil-hila tieghu, u dana stante illi m’hemmx lok ghal tali dekadenza mentri tiddikjara illi ghandha tigi stabbilita data li minnha l-attur ghandu jitqies li

ddekada minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila ta' l-esponenti u dana occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

6. Illi fir-rigward tal-hames talba, jinkombi fuq l-attur li jipprova l-ezistenza ta' krediti dovuti mill-kommunjoni ta' l-akkwisti u mill-konvenuta a favur ta' l-attur u fi kwalunkwe kaz il-konvenuta topponi ghal din it-talba stante illi ma jezistu l-ebda krediti li huma dovuti minnha f'dan is-sens;
7. Illi l-eccipjenti topponi ghas-sitt talba stante illi l-konvenuta m'ghandha fil-pussess taghha l-ebda beni u/jew krediti parafernali appartenenti lill-attur;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permissibbli bil-ligi;

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur li qed jigi minn issa ingunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-partijiet lahqu ftehim konsenswali u gie ppubblikat kuntratt ta' separazzjoni personali bejniethom datat 10 ta' Settembru 2014;

Illi fadal biss illi l-Qorti tiddeciedi l-kap tal-ispejjez tal-kawza;

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghal sentenza dwar il-kap tal-ispejjez;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti għandha quddiemha kawza li l-mertu tagħha gie ezawrit *stante* li l-partijiet resqu ghall-publikazzjoni ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-Atti tan-Nutar Dr. Patricia Vella Haber[1]. Jifdal biss li jiġi deciz il-Kap tal-ispejjez li jidher li baqa' l-unika kwistjoni li l-partijiet ma waslux fuq ftehim dwarha.

Min-naha tieghu, l-attur jikkontendi li ghandha tkun l-intimata li tbati l-ispejjez ghaliex tawlet il-proceduri inutilment peress li kien jaqblilha hekk ghal ragunijiet ta' permessi biex tibqa' Malta. Jghid ukoll li ghandha tigi allokata l-ispejjez tal-kawza abbazi tar-relazzjoni adultera li kellha u li minnha kellha tarbija.

Min-naha l-ohra, l-intimata tikkoncedi li ghandha xi forma ta' responsabbilita' ghas-separazzjoni, izda tikkontendi li l-ispejjez ghandhom jinqasmu bejniethom *stante* li z-zewg partijiet dahlu ghal dan iz-zwieg b'mod konsapevoli u *se mai* r-responsabbilita' ghall-firda ta' bejniethom ghandha tigi attribwita liz-zewg partijiet. L-istess intimata targumenta li d-delungar tal-kawza kien minhabba l-fatt li l-intimata xtaqet li jottjenu d-divorzju (haga li jidher li ġiet survolta wkoll *stante* li din hija mniżżla wkoll fil-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet). Riedet li qabel jigi ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni, d-divorzju jkun finali u din kienet ir-raguni ghad-dewmien tal-iffirmar u mhux xi kwistjoni relatata mal-permess biex tibqa' hawn Malta. Tghid illi li kieku l-intimat ikkopera ghal divorzju kongunt, il-kuntratt ta' separazzjoni kien jigi ffirmat qabel.

Il-Qorti tirrileva li *stante* li l-mertu tal-kawza huwa ezawrit, naturalment l-istess Qorti hija prekluza milli tippronunzja ruhha fuq it-tort jew ir-responsabbilita' tas-separazzjoni ta' bejn il-partijiet. Dan ghaliex fl-ewwel lok huwa superfluwu u fit-tieni lok ghaliex bejn il-partijiet intlahaq ftehim li

[1] Liema kuntratt ġie esebit in atti a fol 196 tal-process

din il-Qorti awtorizzat u m'ghandha ebda raguni ghaliex ghandha tipprova tkissru.

Jirrizulta pero' li l-partijiet ippikaw ma' xulxin mhux hazin u dan qieghed jinghad anke in vista tal-fatt li l-istess partijiet ma kellhomx xi kwistjonijiet kbar li ma setghux jigu risolti bonarjament (kif fil-fatt ghamlu sussegwentement permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni). L-intimata tikkontendi li l-kuntratt ta' separazzjoni ma giex finallizzat qabel ghaliex l-attur ma kkoperax fuq id-divorzju, pero' jrid jinghad li skond l-affidavit tal-istess intimata, d-divorzju tal-partijiet gie finalizzat f'Gunju 2013 u cioe' sena u ftit xhur qabel ma gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni. Minn dak inhar 'il quddiem jidher li ma kellu jkun hemm ebda konstestazzjoni ohra bejn il-partijiet u ghalhekk setghu jersqu ghal ftehim bonarju izda dan sar biss sena wara. Il-Qorti thoss li jekk verament ghall-intimata l-unika problema jew *stumbling block* kienet dik tad-divorzju, din kienet survolata fis-sena 2013, izda l-intimata ma waqfitx tressaq il-provi taghha u resqet ghal ftehim. Anzi, kompliet bil-provi sa' (mill-anqas) Mejju 2014 meta ipprezentat l-affidavit taghha. Dan qieghed jinghad ghaliex id-dati tal-atti ma jikkombacux mat-trattazzjoni u l-argument tal-intimata, fis-sens li d-divorzju kien qieghed izomm kollox. Jirrizulta li l-pika da parti tal-intimata kienet qed izzomm kollox ghaliex anke wara d-divorzju, l-intimata baqghet ghaddejja bil-kawza u l-provi taghha li juru li ghall-anqas sa' dak iz-zmien ma kienitx kuntenta li tasal ghal ftehim bonarju.

Ghalhekk il-Qorti, tenut kont ta' kollox, qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet imressqa u li huma relatati mas-separazzjoni personali tal-partijiet, tordna li l-ispejjez gudizzjarji ta' din il-kawza jigu imhallsa mill-intimata b'mod esklussiv, skond kif mitluba fir-rikors promotur.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------